FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN 3 TA’ SETTEMBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR SILVANA AGIUS
VS
DR GODFREY FARRUGIA MD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat dr godfrey Farrugia MD ta’ 40 sena bin David u Caterina xebba Ellul imwieled Zebbug fil-4 ta’ Mejju 1960 u residenti 55, Vjal il-Helsien, Zebbug numru tal-karta tal-identita 344660M talli fit-12 t’Awissu 1999 b’abbuz ta’ awtorita, ghamel jew ta dikajrazzjoni falza jew certifikat falz billi ghamel certifikat tal-mewt ta’ Maria Pace mis-Siggiewi u dan ai termini tal-artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xejntement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz billi ghamel certifikat tal-mewt ta’ Maria Pace mis-Siggiewi u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew benediccju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel certifikat tal-mewt ta’ Maria Pace mis-Siggiewi u dan ai termini tal-Artikoli 188 u 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-25 ta' Mejju 2001 fejn l-imputat ddikjara li m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta (fol 6-10) illi l-pulizija rcevew telefonata mid-dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa li kienet ghada kemm dahlet mara li kienet instabet mitlufa min sensieha f'darha, u kienet fil-periklu tal-mewt. Dr Mary Rose Casar infurmat lill-pulizija illi din il-mara kellha diversi tbengil ma gisimha u gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa li hatret lil Dr Mario Scerri fost esperti ohrajn.

Dr Scerri beda l-investigazzjonijiet u fil-15 t'Awissu 1999. L-ufficjal proskutur rceva informazzjoni li dik il-pazjenta kienet mietet u indifnet. Giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa li estendiet l-inkarigu ta' Dr Mario Scerri li sema diversi xhieda. Irrizulta illi l-mejta Maria Pace kienet mietet fil-11 t'Awissu 1999 fl-8.20pm u li ohr il-mejta – Sister Francesca Lina Pace giet infurmata mill-isptar illi kellhom jgibu certifikat ta' mewt stante li dan ma setghax jigi rilaxxat mill-isptar. Il-qraba tal-mejta Maria Pace kisbu l-istess informazzjoni anke minghand is-sagristan li kien qed hejji il-funeral.

Illi l-qraba tal-mejta Pace marru l-polyclinic fejn gew infurmati illi ic-certfikat tal-mewt jista biss jigi rilaxxat mit-Tabib tal-familja li kien Dr Farrugia, l-imputat.

Illi ghalhekk wara li semgha ir-rakkont ta' Sister Francesca u Rita Grima ta' kif Pace kienet waqghet u instabet mitlufa min sensieha, li ttiehdet l-isptar b'tbengil fuqha, Dr Farrugia rrilaxxa certifikat tal-mewt peress illi kien raha qabel – u cioe fl-ahhar gimgha ta' Gunju.

Mal-hrug tac-certifikat, Pace giet midfuna minghajr ma saret l-awtopsja.

Gie esebit il-process verbal li hu anness mal-atti bhala dok MC.

Dr Scerri a fol 13-17 kkonferma ir-relazzjoni tieghu u kkonferma l-maniera li fiha instabet Maria Pace fil-bitha fit-tarf ta' tarag u a fol 15 Dr Scerri jsostni illi x-xena ta' kif instabet Pace kienet kompatibbli ma waqa waqt li il-"burns" li kellha kienu kompatibbli ma "exposure" ghal sieghat konsiderevoli ghax-xemx ta' Awissu. Kkonferma li ma kien hemm ebda sinjali ta' sgass u xehed illi kienet il-gara illi sabet lil Pace f'din il-kondizzjoni.

Sister Francesca Pace a fol 18-38 kkonfermat ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u l-fatt li kienet marret ghand Dr Farrugia jitolbu certifikat ta' mewt u li huwa kien irrilaxxa c-certifikat. Sister Pace kkonfermat ix-xhieda li tat fl-inkjesta.

In kontro ezami kkonfermat illi min dak li semghet, ohtha kienet mietet b'accident u xejn fid-dar taghha ma kien minsus.

Kkonfermat illi hija marret ghand it-Tabib tal-familja ghaliex hekk qalulha mill-Polyclinic (fol 29-30) b'parir esplicitu. Sister Pace kkonfermat li ohtha Maria Pace kienet tigi ikkurata mill-imputat.

Kkonfermat illi meta marret lura bic-certifikat tal-mewt, hadd ma qajjem ebda oggezzjoni (fol 33) u fil-fatt ohtha kienet indifnet. Kkonfermat illi l-partikolaritajiet ta' Pace kienu kollha precizi u veritieri fuq ic-certifikat tal-mewt u affermat li kienet taf li ohtha kienet tbati bil-pressjoni.

Rita Grima gara tal-mejta Maria Pace, xhedet (ara fol 39-57) illi hija kienet tiehu hsieb ta' Maria Pace billi tohdilha l-ikel kulljum fil-ghodu u fil-ghaxija.

Illi fil-gurnata tal-incident ma sabithiex id-dar u marret tfittixha fil-hwienet pero meta ma sabithiex, marret ghac-cavetta tad-dar ta' Maria Pace. Dahlet u sabitha mal-art fil-bitha f'qiegh t-tarag u marret ghal ghajjut il-Polyclinic – giet l-ambulanza u Pace giet rikoverata l-isptar. Grima xehdet illi giet ikkuntattjata oht Pace.  Rita Grima kkonfermat illi ma sabet ebda taqlib fid-dar.

Grima xhedet illi mill-isptar gew mgharrfa bil-htiega ta' certfikat mediku li seta jigi rilaxxat mit-Tabib tal-polyclinic jew mit-Tabib tal-familja . Li t-tabib tal-Clinic qal li ma setghax johrog certifikat fejn imbaghad marret flimkien ma Sister Pace, ghand l-imputat. Kkonfermat c-certfikat tal-mewt esebit u kkonfermat illi Pace kellha hmura tax-xemx fuqha u hafna dubbien imdawwar maghha. Kkonfermat ix-xhieda li tat fl-inkjesta u li Maria Pace kienet marret ghand it-tabib taghha  <u>xi gimgha qabel</u>. Xhedet illi hija <u>ma qalitx lill-imputat illi kienet infethet inkjesta</u>. Kkonfermat (fol 52 u 53) illi l-partikolaritajiet kollha ta' Pace fuq ic-certifikat kienu veritieri u kkonfermat li ma sabu ebda sgass jew taqlib f'dar Pace.

Grima xehdet ili kienet tat ic-certifikat tal-mewt lil tal-funeral u Pace giet midfuna b'mod normali u sar uzu mic-certifikat kemm mill-persuna li hadet hsieb il-funeral kif wkoll mill-awtoritajiet tal-isptar.

Dr Mario Scerri a fol 73 fit-tieni xhieda tieghu stqarr illi mis-CT Scan il-konsulent Serafinov "acurately" ma sab xejn fil-brain u kkonferma li Dr Farrugia fix-xhieda tieghu kien qallu li invista lil Maria Pace xi gimghat qabel mewtha."

Illi mix-xhieda ta' Dr Raymond Busuttil fol 82 u 83, Director General tas-Sahha  (CGMO) mistoqsi biex jghid il-proceduri generali li tahthom t-tobba ghandhom jirrilaxxaw certifikat tal-mewt jghid:-

(A fol 87)

"In generali sa fejn naf jien id-dipartiment m'ghandu ebda instructions ta' kif johorgu ic-certifikati" u bhala tabib kien taht l-impressjoni li t-tabib li johrog tali certifikat jrid jkun ra il-pazjenta hajja fi zmien gimghatejn qabel il-mewt – pero ma kien hemm ebda regoli, policies jew struzzjonijiet illi jmorru oltre min daqshekk. Dr Busuttil imbaghad spjega b'mod generali dak li hu mitlub fil-formola tac-certifikat mediku.

Dr Brian Flores Martin, President tal-Medical Association, mitlub jispjega r-regolamenti jew instruzzjonijiet tal-maniera li biha jinhareg certifikat tal-mewt, xhed (fol 101-106) illi specifikament fil-Ligi Maltija u fir-regolamenti tal-Kunsill Mediku, ma hemm xejn l-anqas – imma tesisti speci ta' "unwritten convention" – jew "practice" ta' kif tabib ghandu jagixxi – (u din hija "loosely applied"). Jghid illi tabib jrid jkun ra il-pazjent within 15 days mill-mewt – pero din ma kienetx prattika rigida.

Illi is-sintesi tax-xhieda tieghu hija illi tabib fil-vesti professjonali tieghu jrid jkun au current mal-istat fisiku ta' pazjent u li l-mewt tidher li giet kkawzata mill-affarijiet li t-tabib jkun jaf bihom. Ma kienx necessarju li t-tabib jzur il-katavru biex jirrilaxxa ic-certifikat. Illi in oltre meta persuna tmut l-isptar, t-Tabib ma jkollux access ghal files tal-isptar, u allura jrid joqghod fuq informazzjoni min-nurses jew mill-"medical team", u mic-cirkostanzi johrog il-konkluzzjonijiet. Dr Martin muri c-certifikat mahrug mil-imputat ma sab xejn x'jiccensura fic-certifikat.

Illi fix-xhieda tieghu (tal-imputat) (ara fol 112 et seq) jirrizulta illi hu kien it-Tabib ta' Maria Pace ghal sentejn qabel mewtha. Xhed illi kellha problema b'saqajha ghaliex minn ckunita kellha sieq wahda iqsar mill-ohra, kienet tbati bil-pressjoni u miz-zokkor. Dr Farrugia jghid li kien jikkuralha saqajha.

Illi ta' r-rakkont ta' kif gew f'daru Sister Pace u Rita Grima, qalulu x'gara, tawh deskrizzjoni ta' kif instabet Maria Pace li kienet damet l-

isptar anqas min 24 siegha u li kellha sinjali ta' hruq tax-xemx. Dr Godfrey Farrugia xehed li huwa kien jaf bl-istorja ta' pressjoni ta' Pace u bil-proceduri li dejjem adotta, hareg ic-certifikat tal-mewt.

Dr Farrugia xhed (fol 118-119) illi huwa kien mar il-Kenya ftit gimghat qabel fuq missjoni u cert li kien raha qabel Lulju. Illi huwa sakemm kellmu Dr Scerri ma kienx jaf illi il-kaz ta' Pace kien a police case. Illi fil-fatt, meta mar jixhed quddiem Dr Scerri kien accertat li kienet biss "a formalita" u li ma kellux jinkwieta. Dr Farrugia xehed illi huwa fil-fatt kien raha lil Pace wara li kien gie mill-Kenja u illi b'dan il-fatt huwa ma kienx informa lil Dr Scerri. F'din il-vista Dr Farrugia jghid li kien ccekkja il-pressjoni ta' Pace u indaga ilment fuq l-artrite. Dr Farrugia xhed illi l-particulars tac-certifikat tal-mewt li rrilaxxa gew mghotija min Sister Francesca Pace. Il-kawza tal-mewt ta' Pace kif imnizzla fic-certifikat giet spjegata min Dr Farrugia kif gie spjegat il-mod li wasal ghal tali konkluzzjoni.

Dr Farrugia kkonferma illi huwa qatt ma inghata xi struzzjoni jew xi policy jew directives dwar kif it-Tobba ghandhom jirrilaxxaw certifikat tal-mewt la mid-Dipartiment tas-Sahha u l-anqas mil-Medical Council – u dana jirrigwarda il-perjodu kemm qabel kif wkoll wara dan il-kaz.

Ikkunsidrat-

Illi mill-kumpless tax-xhieda fuq indikata il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tindirizza l-elementi tal-artikoli tal-Ligi li bihom jinstab akkuzat Dr Godfrey Farrugia sabiex tkun f'posizzjoni telvalwa jekk il-fatti specie tal-kaz jinkwadrawx fl-akkuzi.

L-artikolu 185(2) jikkontempla "dikjarazzjoni falza " jew "certifikat falz minn ufficjal pubbliku jew min impjegat pubbliku bl-abbuz ta' awtorita".

Illi huwa ampjament saput illi, m'hemmx kwistjoni dwar jekk Dr Godfrey Farrugia huwiex ufficjal pubbliku u allura sabiex jirrisali r-reat

taht Art 185 jrid jigi pprova li d-dikjarazzjoni 'falza' jew 'c-certfikat falz' saru b'abbuz ta' poter.

Illi mix-xhieda rettissima tal-Chief Government Medical Officer, mid-deposizzjoni tal-President tal-Medical Association johrog bl-aktar mod car illi Dr Farrugia ma setghax abbuza bil-poteri tieghu taht il-ligi ghaliex il-ligi ma tesistix.

L-uniku norma li hemm hija 'a convention' li hija 'loosely applied' li ad ogni modo giet applikata min Dr Farrugia.

Illi t-tieni akkuza hija dik taht l-Art 186 li jipprovdi:
"Kull min xjentement jaghmel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-ahhar artikoli (ie dikjarazzjoni falza/certifikat falz) jehel ……."

Illi gia la darba din il-Qorti stabbilit illi c-certifikat rilaxxat min Dr Farrugia mhuwiex falz ma jista jissussisti ebda uzu maligu tieghu. Illi ghalhekk l-anqas ma tissusistix it-tieni akkuza.

Illi tibqa biex tigi ezaminata r-reat kontemplat taht l-Art 188 li jipprovdi:
"Kull min sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jaghti taghrif falz jehel….."

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina jekk ic-certifikat rilaxxat min Dr Farrugia jikkontjeniex xi dikjarazzjoni jew taghrif falz.

X'inhu "dokument falz" fil-kamp kriminali?

Illi kif inhu risaput jinghad li dokument huwa falz:
"Not only if it tells a lie but it must tell a lie about it self".
Hekk jispjega Kenny; 19$^{th}$ Edition fol 397:

“A writing is not a forgery when it merely contains statements which are false but only when it purports to be that which it is not.”
“It is not the making of an instrument which purports to be what it really is but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.”

Illi fil-kawza odjerna c-certifikat rilaxxat minn Dr Farrugia ghalhekk mhuwiex ‘a forgery’ ghaliex huwa certifikat mahrug minnu, li hu Tabib mediku, mimli minnu u ffirmat minnu.

Issa jrid jigi ezaminat jekk dan ic-certifikat jikkontjeniex taghrif falz.
‘Does it contain a lie?”

Ikkunsidrat:-

Illi ghal rigward il-parti tac-certifikat li tikkontieni il-partikolaritajiet ta’ Maria Pace, dan it-taghrif gie mghoddi lilu minn oht il-mejta u il-prosekuzzjoni ma gabu ebda xrara ta’ evidenza li hemm xi taghrif zbaljat ghal dak li jirrigwarda partikolaritajiet.

Illi in sustanza u cioe hal dak li jirrigwarda il-‘cause of death’, kemm Dr Busuttil (CGMO) kif wkoll Dr Martin (President tal-MAM) ma sabu xejn x’jiccensuraw fic-certifikat u li z-zewg ewlenin xhedu illi l-prassi xejn rigida hija li jrid jkun it-Tabib tal-familja li johrog ic-certifikat u li dan it-Tabib jkun invista xi gimghatejn qabel l-mewt.

Illi in oltre il-Findings xjentifici li jirrizulta mix-xhieda ta’ Dr Scerri bl-ebda mod ma immilitaw kontra il-kawza il-mewt kif stabbilita minn Dr Farrugia.

Il-Qorti apparti dan, tixtieq taghmel accenn wkoll ghal konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti li bl-ebda mod ma jaqblu xejn mal-akkuzi li bihom gie mixli l-imputat.

Illi ghar-rigward imbaghad ta'reat mahsub taht l-Art 189 li jikkontempla kazijiet ohra ta' falsifikazzjonijiet ("Any kind of forgery") japplika dak kollu li gia intqal ghar-rigward dokument falz aktar il-fuq u minkejja illi l-Kodici Kriminali ta' Malta ma jirrikjediex espressament il-mens rea f'dan ir-reat b'dana kollu jehtieg il-dolus: – "it is only because in such cases (cases of forgery) the very act proclaims the guilty mind, but you still need the guilty mind."

Il-Qorti ma sabet ebda hjiel ta' dolus fl-agir ta' Dr Farrugia – anzi ghal kuntrarju x-xhieda f'din il-kawza turih f'kuntrast shih – u cioe bhala Tabib tal-Familja dedikat ghal pazjenti tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.